97, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 57/2025 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: Il-Ġimgħa, 23 ta' Jannar 2026

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

Chev Paul Farrugia	President	Reġjun Port	Preżenti
Is-Sur Marco Agius	Sindku	Kunsill Lokali Bormla	Skużat
Sur John Boxall	Sindku	Kunsill Lokali Birgu	Preżenti
Sur Clayton Cascun Portelli	Sindku	Kunsill Lokali Fgura	Preżenti
Sur Nigel Holland	Sindku	Kunsill Lokali Floriana	Preżenti
Sur Clive Pulis	Sindku	Kunsill Lokali Isla	Preżenti
Sur Wayne Aquilina	Sindku	Kunsill Lokali Kalkara	Preżenti
Sur Jason Silvio	Sindku	Kunsill Lokali Paola	Skużat
Sur Joseph Abela Galea	Sindku	Kunsill Lokali Tarxien	Skużat
Sur Olaf McKay	Sindku	Kunsill Lokali Valletta	Preżenti
Sur Neil Attard	Sindku	Kunsill Lokali Xgħajra	Preżenti
Sur Jorge Grech	Sindku	Kunsill Lokali Zabbar	Preżenti
Sa Lianne Cassar	Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv	Reġjun Port	Preżenti
Sur Joseph Galea	Direttur Artistiku		Preżenti għall-parti mil-laqgħa
Sa Veronika Mercieca	Uffiċjal Maniġerjali – Kultura	Reġjun Port	Preżenti għall-parti mil-laqgħa
Dr. Victor Jaconi	L-Olimpjadi tar-Reġjun – Proġett	Reġjun Port	Preżenti għall-parti mil-laqgħa

57. 1 Ittri ta' Apoloġija

57.1.1 Il-President semma li s-Sur Joseph Abela Galea, is-Sur Jason Silvio u s-Sur Marco Agius talbu sabiex ikunu skużati. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Clive Pulis dawn tniżlu bħala skużati.

97, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

57.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.56

57.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 56 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Nigel Holland, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

57.2.2 Is-Sur John Boxall staqsa jekk il-Ministru Onor. Owen Bonnici kienx mistieden għall-ftuħ tar-Reġjun Kulturali 2026. Il-President semma li din id-deċiżjoni kienet ittieħdet fil-laqgħa tar-reġjun ta' Diċembru u li l-Ministru imsemmi kien ġie mistieden.

57.2.3 Is-Sur Boxall staqsa x' raġuni ingħata r-Reġjun għalfejn il-Ministru responsabbli mill-Kunsilli Lokali u anki mill-Kultura m' attendiex għal dan il-ftuħ uffiċjali. Il-President wieġeb li wara komunikazzjoni li anki saret mal-Uffiċju tal-Ministru, ir-Reġjun kien notifikat li l-Ministru kellu impenji oħrajn. Is-Sur Boxall wera d-diżappunt tiegħu għal din it-tweġiba.

57.3 Reġjun tal-Kultura 2026

57.3.1 Il-President talab li jkun hemm sospenzjoni tal-Aġenda sabiex jiġu diskussi l-proġetti tar-Reġjun tal-Kultura 2026. Għaldaqstant talab lil Dr. Jacono, is-Sa. Mercieca u s-Sur Galea sabiex jidħlu għal-laqgħa u jagħmlu l-preżentazzjoni. Il-Kumitat qabel li jkun hemm sospenzjoni tal-Aġenda.

57.3.2 Dr. Jacono ta bidu għall-preżentazzjoni tiegħu dwar il-proġett tal-Olimpjadi tar-Reġjun. Huwa ta spjega ta' kif il-proġett propost ser ikun qed jitħaddem fuq bażi ta' lokalitajiet kif ukoll l-involviment li jrid ikun hemm min kull lokalita' sabiex imbagħad fl-aħħar issir attivita' waħda ġewwa l-Belt Valletta.

57.3.3 Wara spjega tal-proġett, il-President semma li dan il-proġett ser jiġi jiswa lir-Reġjun madwar €200,000. Huwa preżenta dokumentazzjoni tal-budget li kien irċieva mill-Uffiċjal Maniġerjali. Semma li jekk ikun approvat dan il-proġett, trid tkun ukoll approvata l-ispiża tiegħu li mill-budget jidher ukoll li hemm €35,000 fi spejjeż ta' diretturi artistiċi u contracts manager.

57.3.4 Dr. Jacono lesta l-preżentazzjoni u intalab iħalli l-laqgħa fis-18:28 sabiex ir-Reġjun ikompli jiddiskuti s-suġġett u anki japprova jew mod ieħor il-proposta.

57.3.5 Is-Sa.Veronika Mercieca u s-Sur Joseph Galea intalbu jagħtu rendikont ta' dak li qed issir fir-Reġjun tal-Kultura 2026. Is-Sur Joseph Galea semma li minħabba l-maltemp li kien nhar 11 ta' Jannar, issa kien ser isir filmat mas-Sindki sabiex tinkixef il-plakka u anki jagħtu messaġġ. Semma li ser ikun hemm avveniment ma' kull lokalita'. Semma li jidher li hemm konklużi mal-lokalitajiet tal-Fgura, Isla, Bormla u anki Paola. Semma li ġewwa l-Fgura ser ikun iċċelebrat Jum il-Mara, l-Isla ser ikunu qed jaħdmu magħhom fuq il-Ħġejjeġ, Paola ser issir esebizzjoni tal-Arti Sagra filwaqt li ġewwa Bormla ser isir kunċert bejn DJ u mużika klassika.

57.3.6 Id-Direttur Artistiku semma li qed jitkellmu ma' kull lokalita' b' mod individwali.

97, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

57.3.7 Semmew li ser jibda l-konkors tal-għana. Ser issiru workshops ġewwa Paola, Isla u l-Birgu. Semmew li l-materjal kollu qed jitla' fuq il-website tar-reġjun.

57.3.8 Is-Sa. Mercieca semmiet ukoll li qed jaħdmu mal-Anzjanita' Attiva fuq proġett tal-Arti mal-Anzjani, kif ukoll fuq korsijiet tal-kaligrafija u sessjonijiet ta' drama u rakkonti bħala parti mill-proġett NEXUS li huwa wkoll ko-ffinanzjat mill-Kunsill għall-Arti.

57.3.9 Semmew ukoll li direttu artistiku ser ikun qed iżur artisti tal-lokalita' u li flimkien jinħadem proġett ta' installazzjonijiet f' kull lokalita' sabiex din tibqa' fil-lokalita' anki wara li jgħaddi dan il-proġett.

57.3.10 Is-Segretarju Eżekuttiv għamlet ukoll referenza għall-ftehim mibgħut mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali fejn f' Artiklu 4 anki kif indikat mill-istess diviżjoni l-attivitajiet li diġa huma ffinanzjati minn skemi oħra tal-istess Diviżjoni ma jistgħux ikunu bħala waħda mill-ħdax-il attivita' li jridu jsiru skond il-ftehim li kien iffirmat tar-Reġjun Kulturali 2026. Semmew li idealment din il-klawżola tkun kjarifikata mad-Diviżjoni.

57.3.11 Is-Sindki semmew li huma jippreferu jkunu mgħejuna anki b' mod finanzjarju għall-attivitajiet li diġa huma stabbiliti fil-lokalita'. Is-Sindku ta' Floriana u s-Sindku tal-Birgu wrew id-diżapunt tagħhom li kemm Festa Nar kif ukoll Birgu by Candlelight mhux qed tieħu l-finanzjament mistħoqq biex dawn l-attiviatjiet ikunu jistgħu isiru mill-Kunsill. Semmew li n-nefqa biex tagħmel dawn it-tip ta' avvenimenti qed tiżdied minn sena għall-oħra u l-Kunsill ma jistax jibqa' jittama sa l-aħħar li ser ikollu il-fondi disponibbli.

57.3.12 Id-Direttur Artistiku semma li huwa qed imur lil hinn mil-obbligu tiegħu u saħansitra qed jagħmel laqgħat addizzjonali sabiex jara kif jista' jassigura fondi minn Aġenziji jew entitajiet privati fosthom banek lokali. Is-Sur Wayne Aquilina semma li huwa ma jistax jifhem għalfejn qed imorru għand entitajiet oħra sabiex inġibu fondi meta jidher li għall-ftuħ uffiċjali tar-Reġjun kien hemm allokati fondi sostanzjali.

57.3.13 Il-President talab għall-approvazzjoni jew mod ieħor tal-Proġett tal-Olimpjadi tar-Reġjun imma ma kienx hemm pożizzjoni ċara dwar din l-approvazzjoni.

57.3.14 Is-Sur Galea u s-Sa. Mercieca ħallew il-laqgħa u l-Membri talbu li jkollhom d-dati tal-attivitajiet li qed ikunu pjanati.

57.4 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru 49

57.4.1Fuq proposta tal-President intalbet li tkun approvata l-iskeda tal-pagamenti Nu 49. Wara diskussjoni interna, is-Sur Wayne Aquilina flimkien mas-Sur John Boxall bi qbil unanimu kien mitlub li l-iskeda tal-pagamenti tiġi sseparata minnha l-ispiża operattiva tar-Reġjun u l-ispiża tan-nefqa relatata mal-ftuħ uffiċjali tar-Reġjun Kulturali u proġetti relatati mal-istess sena kulturali.

57.4.2 Għaldaqstant kien hemm qbil unanimu li l-iskeda tkun approvata fl-laqgħa oħra.

97, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

57.5 Ittra Fondazzjoni Kottonera

57.5.1 Il-President għadda ittra b'risposta għall-aħħar komunikazzjoni li waslet mill-Fondazzjoni Kottonera sabiex tkun tista' tintbagħat.

57.5.2 L-ittra kienet approvata u kien hemm qbil li ssir it-talba li jiġu lura l-€200,000 li r-Reġjun kien ħallas lill-Fondazzjoni Kottonera.

57.5.3 Is-Sur John Boxall semma li huwa ltaqa' mas-Sur Joe Mizzi fejn dan talbu jwassal il-messaġġ li huwa xtaq jiltaqa' mal-President. Is-Sur John Boxall semma li issa li għandu r-rapport uffiċjali tal-Board mill-UE f' idu wara li dan kien ġie imtella' fuq is-sit tal-VCA issa huwa jrid isib triq 'il quddiem biex jasal Brussell bil-verżjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu għaliex dan it-titilu kien ittieħed mir-residenti tal-Birgu.

57.6 Preżentazzjoni u Approvazzjoni għar-Rapport Finanzjarju tar-Raba' Kwart tas-sena 2025

57.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżenat ir-rapport finanzjaru għar-raba' kwart tas-sena 2025. Filwaqt li ngħatat ħarsa lejn l-overview tar-rapport spjegat ukoll li r-Reġjun għalaq b' surplus ta' €455,380 li dan huwa riżultat ta' ħlasijiet miġbura li jirrigwardjaw ġbir ta' skart riċiklabbli matul is-sena 2023 u s-sena 2024.

57.6.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Nigel Holland, ir-rapport kien approvat kif preżentat.

57.7 Sospenzjoni tal-Laqgħa

57.7.1 Fuq proposta tal-President, bi qbil unanimu tal-Membri, ġiet sospiża l-laqgħa minħabba li kien sar ħafna ħin u kien għad fadal punti fuq l-Aġenda li kellhom jiġu diskussi. Ġie deċiż li l-laqgħa ta' kontinwazzjoni tinżamm nhar l-Erbgħa, 28 ta' Jannar 2026.

97, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Kontinwazzjoni Laqgħa Reġjun Port - Nu 57/2025 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: l-Erbgħa, 28 ta' Jannar 2026

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

Chev Paul Farrugia	President	Reġjun Port	Preżenti
Is-Sur Marco Agius	Sindku	Kunsill Lokali Bormla	Preżenti
Sur John Boxall	Sindku	Kunsill Lokali Birgu	Preżenti
Sur Clayton Cascun Portelli	Sindku	Kunsill Lokali Fgura	Skużat
Sur Nigel Holland	Sindku	Kunsill Lokali Floriana	Preżenti
Sur Clive Pulis	Sindku	Kunsill Lokali Isla	Preżenti
Sur Wayne Aquilina	Sindku	Kunsill Lokali Kalkara	Preżenti
Sur Jason Silvio	Sindku	Kunsill Lokali Paola	Skużat
Sur Joseph Abela Galea	Sindku	Kunsill Lokali Tarxien	Preżenti
Sur Olaf McKay	Sindku	Kunsill Lokali Valletta	Preżenti
Sur Neil Attard	Sindku	Kunsill Lokali Xgħajra	Preżenti
Sur Jorge Grech	Sindku	Kunsill Lokali Zabbar	Preżenti
Sa Lianne Cassar	Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv	Reġjun Port	Preżenti
Sur Joseph Galea	Direttur Artistiku		Preżenti għal parti mil-laqgħa

57.8 Bidu tal-laqgħa u ittri tal-Apoloġija

57.8.1 Il-President semma li s-Sur Clayton Cascun u s-Sur Jason Silvio talbu li jkunu skużati. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Neil Attard kien hemm qbil li jitniżlu skużati.

57.8.2 Is-Sur Wayne Aquilina xtaq jibda billi juri t-tħassib u anki d-diżapunt tiegħu li kien hemm min mar jgħid lis-suppliers dak li kien diskuss b' mod kunfidenzjali waqt il-laqgħa tal-Ġimgħa, 23 ta' Jannar li huwa prova jwaqqaf il-pagamenti.

57.8.3 Il-President wera appoġġ lejn is-Sur Aquilina li ħadd ma kellu jmur jgħid li huwa waqqaf il-pagamenti għaliex id-deċiżjoni ttieħdet b' mod unanimu. Minkejja dan ġibed l-attenzzjoni ta' dawk preżenti li dak li jintqal waqt il-laqgħa uffiċjali tar-Reġjuni huwa pubbliku u li jitniżżel fil-minuti. Għaldaqstant materji ta' kunfidenzjalita' għandhom ikunu trattati f' laqgħat separati u mhux dawk uffiċjali tar-Reġjun.

97, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

57.9 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti 49.1 u 49.2

57.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat żewġ skedi tal-pagamenti maqsuma kif intalbu.

57.9.2 Is-Sur Joseph Galea, direttur artistiku ta spjega li l-bnadar u l-palijiet li kienu ordnati u ntalbu biex jitħallsu ma kienux għall-ftuħ uffiċjali imma materjal li ser ikun fil-pjazez tal-lokal matul is-sena. L-istess għall-plakkek li twaħħlu f' kull lokalita'. L-idea oriġinali tal-paljijiet semma li kellhom jiġu ordnati 150 palju imma meta r-Reġjun irċieva l-istima huwa intalab biex jirrevedi l-ammonti għaliex l-ispiża kienet 'il fuq mill-budget allokat. Semma li dawn twaħħlu kullimkien u kien għad fadal 4 sabiex jgħaddijhom lill-Kunsill Lokali Birgu. Semma li Ħal Tarxien u anki x-Xgħajra ma kellhomx ma fejn jeħlu minħabba li l-pjazza ta' Ħal Tarxien għaddejja mir-rinovazzjoni u x-Xgħajra ma kellhomx arbli li huma tal-Kunsill.

57.9.3 Id-Direttur Artistiku semma li anki l-kanzunetta saret għas-sena kollha u mhux għall-Ftuħ Uffiċjali biss.

57.9.4 Is-Sur Wayne Aquilina semma li l-punt ta' tluq għat-talba ta' verifikazzjoni fuq in-nefqa saret minħabab l-fatt li filwaqt li qed ngħidu li qed imorru naraw minn fejn nistgħu insibu iktar fondi għall-attivitajiet pjanati, ftit qabel konna qed niddiskutu l-proġett tal-Olimpjadi tar-Reġjun li kien ġej stamt li jiswa bejn €150,000 sa €200,000. Filwaqt li anki fuq il-ftuħ tar-Reġjun Kulturali kie jidher li kien hemm ukoll spiża mhux ħażien. Kompla jgħid li dan jikkuntrastja wkoll meta għadna kunsilli li qed jaraw kif jistgħu jagħmlu attivitajiet bħal Festa Nar u Birgu by Candlelight.

57.9.5 Id-Direttur Artistiku semma li jekk hemm xi dubju dwar il-fiduċja lejh jew lejn il-pjanijiet li huwa fassal għar-reġjun tal-Kultura huwa jixtieq li dawn ikunu kjarifikati sabiex wieħed ikollu triq 'l quddiem. Semma li meta huwa fassal il-pjan ta' ħidma fil-bidu kien hemm il-premessa li ġejjien lura €200,000 mill-Fondazzjoni Kottonera għaldaqstant jista' jkun hemm xi proġetti bħal l-Olimpjadi tar-Reġjun li dawn dehru li finanzjament jistgħu jimmaterjalizzaw. Semma wkoll il-ftuħ tar-Reġjun kellu jkun imqassam fuq 11-il lokalita u dan it-temp ma ppermettiex. Semma li dan affettwa wkoll l-ispiża ta' set up li sar ġewwa Bighi għaliex minħabba maltemp kellhom jintramaw żewġ set ups f' żewġ swali differenti għaliex kollox kellu jibqa' ġewwa.

57.9.6 Is-Sur Galea semma wkoll li għad irrid isir il-video clip tal-kanzunetta tar-Reġjun.

57.9.7 Semma wkoll li qed jinkiteb il-ktieb fuq il-fortifikazzjonijiet. Semma li dan ser ikun stamt li jiswa madwar €15,000 u ser isir hardbound. Semmew li idealment ikun hemm komunikazzjoni ma' Heritage Malta minħabba l-publikazzjoni.

57.9.8 Semma wkoll li hemm il-proġett:

- Teatru Malta – 60+ Każin Malta li jammontaw bejn €10,000/ €15,000.

- Choir Festival li ser jiġu allokatti €5,000

- Organ Festival li ser jiġu allokatti €5,000

97, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

- Art installations li ser jiġu allokatti €50,000, arti f' kull lokalita' – Ryan Falzon direttur artistiku

- 3 Places Festival li ser ikun qed idur ukoll f' xi siti ġewwa r-Reġjun Port

57.9.9 Rigward l-Olimpjadi tar-Reġjun kien hemm qbil unanimu li dan il-proġett ma jsirx.

57.9.10 Is-Sur Galea intalab iħalli l-laqgħa fis-18:43.

57.9.11 Il-President preżenta l-iskeda tal-pagamenti 49.1 u 49.2 għall-approvazzjoni. Iż-żewġ skedi ikopru l-perjodu bejn, 16 ta' Diċembru 2025 u t-23 ta' Jannar 2026. Skeda Nu 49.1 kienet tammonta għall-€438,384.24. Skeda Nu 49.2 kienet tammonta għal €43,082.18. L-iskedi kienu approvati mis-Sur Olaf McKay u s-Sur Jorge Grech.

57.10 Preżentazzjoni u approvazzjoni tal-Business Plan 2026 – 2030

57.10.1 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Nigel Holland, kien approvat il-Business Plan ta' bejn is-sena 2026 u s-sena 2030

57.11 Rapport finanzjarju – Għeluq tas-sena finanzjarja 2025

57.11.1 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Olaf McKay, kien approvat ir-rapport li kien ibbażat fuq l-approvazzjoni tar-Rapport fiannzjarju għar-Raba' Kwart tas-Sena 2025.

57.12 Skema SPI/SCI/10/2022 - Espressjoni ta' Interess: Żvilupp u titjib ta' Latrini Pubbliċi Awtomatiċi

57.12.1 Il-President semma li l-claims li ġew sottomessi kienu mdaħħlin fl-iskeda tal-pagamenti sabiex jitħallsu. Semma wkoll li kien hemm xi Kunsilli li ntalbu xi kjarifiċi u li dawn ser jitħalsu ladarba d-dokumenti jkunu provduti.

57.12.2 Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet li kellha talba mill-Kunsill Lokali Paola sabiex jieħdu iktar minn dak li kien stipulat peress li għandhom proġett li l-latrina tiġi mibnija mill-ġdid. Is-Sindki preżenti talbu li jingħata rendinkont ta' fondi li fadal sabiex tittieħed deċiżjoni. Imma s-Sur Jorge Grech semma li jekk it-talba tal-Kunsill Lokali tkun approvata huwa ser kitlob li jiġi rimborzat l-ispiża kollha li kellu biex lesta l-proġett filwaqt lis-Sur Boxall semma li huwa ma ħax l-ammont sħiħ imma jista' jirramġa latrina oħra jekk għadu fil-ħin.

57.13 Post vakant ta' Segretarju Eżekuttiv

57.13.1 Il-President semma li huwa kien irċieva l-lista ta' applikanti (waħda) li applikat sabiex issirilha l-intervista għall-post vakant ta' Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun. Semma li huwa jibqa' mal-pożizzjoni li ħa f' laqgħat preċidenti fejn jekk kemm-il darba tibqa' l-insistenza mid-Diviżjoni li l-Board tal-Għażla jkun kompost biss minn Membri Eletti huwa ma jaċċettax li jagħmel intervisti.

57.13.2 Is-Sur Wayne Aquilna semma li huwa jixtieq jikjarifika li minkejja li hemm persuna eliġibbli għal dan il-post vakant, ir-Reġjun qed jiddeċiedi li ma jgħajtiliex biex issir l-intervista. Semma li din jista'

97, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

jkun li wieħed qed ittelfilha opportunita' li ssib xogħol. Is-Sur Jorge Grech semma li huwa jaqbel mal-punti imqajma mis-Sur Aquilina.

57.13.3 Il-President semma li huwa ser jibqa' mad-deċiżjoni li kienet ittieħdet f' laqgħat preċidenti dan anki għall-fatt li r-reġjun kien diġa għamel l-intervisti fis-sejħa preċidenti baqa' ma ħax risposta fuq x' ser jagħmel bl-applikati li kienu applikaw.

57.14 Aġġornament

57.14.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-20:00, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tnejn, 23 ta' Frar 2026 fil-17:30 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

Chev Paul Farrugia
President Reġjun Xlokk

Lianne Cassar
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv